KUNSILL TA'
L-UNJONI EWROPEA

Brussell, 7 ta' Novembru 2008
(OR. en)

7490/1/06
REV 1

EEE 15
MAP 3
ENER 107
TRANS 74
TELECOM 23
SERVICES 15
N 18
ISL 15
FL 16
OC 223

**ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRAJN**

| | |
|---|---|
| Suġġett: | DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT ŻEE li temenda l-Anness XVI (Akkwisti Pubbliċi) tal-Ftehim ŻEE<br><br>**LINJI GWIDA KOMUNI:**<br>**Skadenza ta' konsultazzjoni għall-Bulgarija u r-Rumanija: 7.4.2006** |

**DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT ŻEE**

**ta'**

**li temenda l-Anness XVI (Akkwisti Pubbliċi)**
**tal-Ftehim ŻEE**

IL-KUMITAT KONĠUNT ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XVI mal-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru ... ta'…[1].

(2) Id-Direttiva 2004/17/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li tikkoordina l-proċeduri ta' akkwisti ta' entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi ta' l-ilma, l-enerġija, t-trasport u postali[2], għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(3) Id-Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 fuq kordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi[3], għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni Nru 1874/2004 tat-28 ta' Ottubru 2004 li jemenda d-Direttivi 2004/17/KE u 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-limiti ta' applikazzjoni tagħhom għall-proċeduri għall-għoti tal-kuntratti[4] għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

---

1 ĠU L …
2 ĠU L 134, 30.4.2004, p. 1. Ikkoreġut fil-ĠU L 358, 3.12. 2004, p. 35.
3 ĠU L 134, 30.4.2004, p. 114. Ikkoreġut fil-OJ L 351, 26.11. 2004, p. 44.
4 ĠU L 326, 29.10.2004, p. 17.

(5) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/15/KE tas-7 ta' Jannar 2005 dwar ir-regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-proċedura prevista fl-Artikolu 30 tad-Direttiva 2004/17/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tikkoordina l-proċeduri ta' akkwisti pubbliċi ta' l-entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizz ta' l-ilma, l-enerġija, it-trasport u tal-posta1 għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(6) Ir-Regolament tal-Kummissjoni Nru 1564/2005 tas-7 ta' Settembru 2005 li jistabbilixxi formoli standard għall-pubblikazzjoni ta' avviżi fil-qafas tal-proċeduri ta' akkwisti pubbliċi skond id-Direttivi 2004/17/KE u 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[2] għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(7) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2005/51/KE tas-7 ta' Settembru 2005 li temenda l-Anness XX għad-Direttiva 2004/17/KE u l-Anness VIII għad-Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-akkwisti pubbliċi[3] għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(8) Id-Direttiva 2004/17/KE tirrevoka d-Direttiva tal-Kunsill 93/38/KEE[4], li hija inkorporata fil-Ftehim u li konsegwentement għandha titħassar mill-Ftehim.

(9) Id-Direttiva 2004/18/KE tirrevoka d-Direttivi tal-Kunsill 93/36/KEE[5] u 93/37/KEE[6] li huma inkorporati fil-Ftehim u li konsegwentement għandhom jitħassru mill-Ftehim,

1 ĠU L 7, 11.1.2005, p. 7.
2 ĠU L 257, 1.10.2005, p. 1.
3 ĠU L 257, 1.10.2005, p. 127.
4 ĠU L 199, 9.8.1993, p. 84.
5 ĠU L 199, 9.8.1993, p. 1.
6 ĠU L 199, 9.8.1993, p. 54.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-Anness XVI mal-Ftehim, inklużi l-Appendiċi 1 sa 14 għal dak l-Anness, għandu jiġi emendat kif speċifikat fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

It-testi tar-Regolamenti Nru 1874/2004 u Nru 1564/2005, id-Direttivi 2004/17/KE, 2004/18/KE, 2005/51/KE u d-Deċiżjoni 2005/15/KE, bil-lingwa Iżlandiża u dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment ŻEE tal-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea, huma awtentiċi.

*Artkolu 3*

Din Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fi …, sakemm in-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu saru lill-Kumitat Konġunt ŻEE[*].

[*] [L-ebda ħtieġa kostituzzjonali indikata.] [Ħtiġiet kostituzzjonali indikati.]

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima ŻEE u fis-Suppliment ŻEE tal-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Magħmula fi Brussell,

*Għall-Kumitat Konġunt ŻEE*
*Il-President*

*Is-Segretarji*
*Għall-Kumitat Konġunt ŻEE*

**ANNESS**

L-Anness XVI (Akkwisti Pubbliċi) tal-Ftehim, inklużi l-Appendiċi 1 sa 14 għal dak l-Anness, għandu jiġi emendat kif speċfikat fl-Artikoli li ġejjin.

*Artikolu 1*

Il-kliem "id-Direttivi 93/36/KEE, 93/37/KEE u 93/38/KEE" tal-paragrafu 1 ta' l-Addattamenti Settorjali għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "id-Direttivi 2004/17/KE u 2004/18/KE".

*Artikolu 2*

Il-Punt 2 (id-Direttiva tal-Kunsill 93/37/KEE) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"2. 32004 L 0018: id-Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 2004 fuq kordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi (ĠU L 134, 30.4.2004, p. 114) kif ikkoreġuta fil-ĠU L 351, 26.11.2004 p. 44, kif emendata skond:

– 32004 R 1874: ir-Regolament tal-Kummmissjoni Nru 1874/2004 tat-28 ta' Ottubru 2004 (ĠU L 326, 29.10.2004, p. 17),

– 32005 L 0051: id-Direttiva tal-Kummissjoni 2005/51/KE tas-7 ta' Settembru 2005 (ĠU L 257, 1.10.2005, p. 127).

Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

(a) Fl-Artikolu 10 l-kliem "l-Artikolu 296 tat-Trattat " għandu jaqra "l-Artikolu 123 tal-Ftehim ŻEE";

(b) L-Annessi III sa V huma supplimentati bl-Appendiċi 1 sa 3 għal dan l-Anness;

(c) Liechtenstein għandu jdaħħal fis-seħħ il-liġijiet, ir-Regolamenti u d-dispożizzjoniet amministrattivi meħtieġa biex ikun konformi ma' din id-Direttiva fi żmen 18-il xahar wara d-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt li tinkorpora d-Direttiva 2004/18/KE fil-Ftehim ŻEE.".

*Artikolu 3*

Il-Punt 3 (id-Direttiva tal-Kunsill 93/36/KEE) għandu jitħassar.

*Artikolu 4*

Il-Punt 4 (id-Direttiva tal-Kunsill 93/38/KEE) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

4. "32004 L 0017: id-Direttiva 2004/17/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li tikkoordina l-proċeduri ta' akkwisti pubbliċi ta' entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi ta' l-ilma, l-enerġija, t-trasport u postali (ĠU L 134, 30.4.2004, p. 1) kif ikkoreġuta fil-ĠU L 358, 3.12.2004, p. 35, kif emendata skond:

– 32004 R 1874: ir-Regolament tal-Kummissjoni Nru 1874/2004 tat-28 ta' Ottubru 2004 (ĠU L 326, 29.10.2004, p. 17),

– 32005 L 0051: id-Direttiva tal-Kummissjoni 2005/51/KE tas-7 ta' Settembru 2005 (ĠU L 257, 1.10.2005, p. 127).

Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

(a) fl-Artikolu 58(1) il-kliem "il-Komunità għandha" għandhom jaqraw "il-Komunità fir-rigward ta' l-entitajiet Komunitarji, jew l-Istati EFTA, fir-rigward ta' l-entitajiet tagħhom, għandhom";

(b) fl-Artikolu 58(1) it-terminu "impriżi tal-Komunità" għandu jaqra "impriżi tal-Komunità, fir-rigward tal-Ftehim Komunitarji, jew l-impriżi ta' l-Istati EFTA, fir-rigward tal-Ftehim ta' l-Istati EFTA";

(c) fl-Artikolu 58(1) il-kliem "l-Komunità jew l-Istat Membru tagħha rigward pajjiżi terzi il-Komunità jew l-Istati Membri tagħha fir-rigward ta' pajjiżi terzi" għandhom jaqraw " jew il-Komunità jew l-Istati Membri tagħha fir-rigward ta' pajjiżi terzi jew l-Istati EFTA";

(d) fl-Artikolu 58(4), il-kliem "bid-Deċiżjoni tal-Kunsill" għandhom jaqraw "b'deċiżjoni fil-kuntest tal-proċedura ta' teħid ta' deċiżjonijiet ġenerali tal-Ftehim ŻEE";

(e) l-Artikolu 58(5) għandu jaqra kif ġej:

"5. Fil-kuntest tad-dispożizzjonijiet istituzzjonali ġenerali tal-Ftehim ŻEE, għandhom jiġu mressqa rapporti annwali dwar il-progress li sar fin-negozjati multilaterali jew bilaterali dwar l-aċċess għall-impriżi Komunitarji u dawk ta' l-EFTA għas-swieq ta' pajjiżi terzi fl-oqsma koperti b'din id-Direttiva, dwar kwalunkwe riżultat li tali negozjati setgħu kisbu, u dwar l-implimentazzjoni fil-prattika tal-Ftehim kollha li ġew konklużi. Fil-kuntest tal-proċedura ta' teħid ta' deċiżjonijiet ġenerali tal-Ftehim ŻEE id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu jistgħu jiġu emendati fid-dawl ta' tali żviluppi.";

(f) biex l-entitajiet kontraenti fiż-ŻEE jkunu jistgħu japplikaw l-Artikolu 58(2) u (3), il-Partijiet Kontraenti għandhom jiżguraw li l-fornituri stabbiliti fit-territorji rispettivi tagħhom jiddeterminaw l-oriġini tal-prodotti fis-sejħiet għall-offerti tagħhom għal kuntratti ta' servizz b'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju (ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1);

(g) biex tinkiseb konverġenza massima l-Artikolu 58 ser jiġi applikat fil-kuntest ŻEE bil-fehim li:

– l-operazzjoni tal-paragrafu (3) hi mingħajr preġudizzju għall-grad eżistenti tal-liberalizzazzjoni lejn pajjiżi terzi,

– il-Partijiet Kontraenti jikkonsultaw mill-qrib fin-negozjati tagħhom ma' pajjiżi terzi. L-applikazzjoni ta' dan ir-reġim ser tiġi riveduta b'mod konġunt;

– (h) l-Artikolu 59 m'għandux japplika;

(i) l-Annessi I sa X huma supplimentati bl-Appendiċi 2 sa 13 ta' dan l-Anness;

(j) Liechtenstein għandu jdaħħal fis-seħħ il-liġijiet, ir-Regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex ikun konformi ma' din id-Direttiva fi żmien 18-il xahar wara d-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt li tinkorpora d-Direttiva 2004/17/KE mal-Ftehim ŻEE.".

*Artikolu 5*

Fil-punt 5b (id-Direttiva tal-Kunsill 92/50/KEE), għandu jinżied l-inċiż li ġej:

"- 32004 L 0018: id-Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 (ĠU L 134, 30.4.2004, p. 1), kif ikkoreġuta fil-ĠU L 351, 26.11.2004 p. 44.".

*Artikolu 6*

Wara l-punt 6a (ir-Regolament Nru 2195/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill), għandu jiddaħħal dan li ġej:

"6b. 32005 D 0015: id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/15/KE tas-7 ta' Jannar 2005 dwar ir-regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-proċedura prevista fl-Artikolu 30 tad-Direttiva 2004/17/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tikkoordina l-proċeduri ta' akkwisti pubbliċi ta' entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi ta' l-ilma, l-enerġija, t-trasport u postali (ĠU L 7, 11.1.2005, p. 7).

6c. 32005 R 1564: ir-Regolament tal-Kummissjoni Nru 1564/2005 tas-7 ta' Settembru 2005 li jistabbilixxi formoli *standard* għall-pubblikazzjoni ta' avviżi fil-qafas tal-proċeduri ta' akkwisti pubbliċi skond id-Direttivi 2004/17/KE u 2004/18/KE tal-Parlament u tal-Kunsill (ĠU L 257, 1.10.2005, p. 1).

Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattament li ġej:

F'Liechtenstein l-espressjoni "Rahmenvereinbarung" tikkorrispendi għal "Rahmenübereinkunft", "Bietergemeinschaft" għal "Arbeitsgemeinschaft", "Bieter" to "Offertsteller" u "Angebot" għal "Offerte".".

*Artikolu 7*

L-Appendiċi 1 sa 14 għandhom jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

"Appendiċi 1

LISTI TA' KORPI U KATEGORIJI TA' KORPI REGOLATI BIL-LIĠI PUBBLIKA MSEMMIJA FIT-TIENI SUBPARAGRAFU TA' L-ARTIKOLU 1(9) TAD-DIRETTIVA 2004/18/KE

I. Fl-IŻLANDA :

L-entitajiet ta' xiri ċentrali li m'humiex ta' natura industrijali jew kummerċjali irregolati bil-*lög um skipan opinberra framkvæmda* nr. 52/1970 u l-*lög um opinber innkaup* nr. 52/1997, *með síðari breytingum* u r-*reglugerð* nr.i 302/1996.

Korpi

– Ríkiskaup (Ċentru Kummerċjali ta' l-Istat),

– Framkvæmdasýslan (Kuntratti Governattivi għal Xogħolijiet ta' Kostruzzjoni),

– Vegagerð ríkisins (Amministrazzjoni tat-Toroq),

– Siglingastofnun (Amministrazzjoni Marittima Iżlandiża).

Kategoriji

– Sveitarfélög (Muniċipalitajiet).

II. F'LIECHTENSTEIN:

die öffentlich-rechtlichen Verwaltungseinrichtungen auf Landes- und Gemeindeebene (l-awtoritajiet, l-istabbilimenti u l-fondazzjonijiet regolati bil-liġi pubblika u stabbiliti fil-livell nazzjonali u muniċipali).

III. Fin-NORVEĠJA:

offentlige eller offentlig kontrollerte organer eller virksomheter som ikke har en industriell eller kommersiell karakter (entitjiet jew impriżi pubbliċi jew ikkontrollati pubblikament li m'humiex ta' natura industrijali jew kummerċjali).

Korpi

– Norsk Rikskringkasting (Korporazzjoni tax-Xandir Norveġiża),

– Norges Bank (Bank Ċentrali),

– Statens lånekasse for utdanning (Fond ta' l-Istat għas-Self għall-Edukazzjoni),

– Statistisk sentralbyrå (Uffiċċju ta' l-Istat ta' l-Istatistika),

– Den norske stats Husbank (Banka ta' l-Istat Norveġiża tad-Djar),

– Norges forskningsråd (Il-Kunsill Norveġiż għar-Riċerka),

– Statens Pensjonskasse (Fond Statali Norveġiż għall-Pensjonijiet Pubbliċi).

Kategoriji

– Statsbedrifter i henhold til lov om statsforetak (LOV 1991-08-30 71) (Intrapriżi ta' l-Istat),

– statsbanker (Banek ta' l-Istat),

– universiteter og høyskoler i henhold til lov om universiteter og høyskoler (LOV 1995-05-12 (Universitajiet).

Appendiċi 2

AWTORITAJIET TAL-GVERN ĊENTRALI

L-IŻLANDA

Ríkisreknar innkaupastofnanir eða fyrirtæki sem eru ekki á sviði iðnaðar eða viðskipta og heyra undir lög um opinber innkaup nr. 94/2001, með síðari breytingum. (*Entitajiet jew impriżi pubbliċi jew ikkontrollati pubblikament li m'humiex ta' natura industrijali jew kummerċjali u li jaqgħu taħt l-Att dwar Akkwisti Pubbliċi Nru 94/200.*).

Ríkiskaup (Ċentru Kummerċjali ta' l-Istat),

Framkvæmdasýslan (Kuntratti Governattiv għal Xogħolijiet ta' Kostruzzjoni),

Vegagerð ríkisins (Amministrazzjoni tat-Toroq Pubbliċi).

LIECHTENSTEIN

Regierung des Fürstentums Liechtenstein

IN-NORVEĠJA

| | |
|---|---|
| Statsministerens kontor | Uffiċċju tal-Prim Ministru |
| Regjeringsadvokaten | Prokuratur Ġenerali għall-Affarijiet Ċivili |
| Arbeids- og sosialdepartementet | Ministeru tax-Xogħol u Affarijiet Soċjali |
| Aetat Arbeidsdirektoratet | Direttorat tax-Xogħol |

| | |
|---|---|
| Arbeidstilsynet | Direttorat ta' l-Ispezzjoni tax-Xogħol |
| Statens arbeidsmiljøinstitutt | L-Istitut Nazzjonali tas-Saħħa fuq ix-Xogħol |
| Rikstrygdeverket | Amministrazzjoni Nazzjonali ta' l-Assigurazzjoni |
| Statens institutt for rusmiddelforskning | Istitut Nazzjonali għar-Riċerka dwar l-Alkoħol u d-Drogi |
| Barne- og familiedepartementet | Ministeru tat-Tfal u l-Affarijiet tal-Familja |
| Barneombudet | Ombudsman għat-Tfal |
| Forbrukerombudet | Ombudsman għall-Konsumaturi |
| Forbrukerrådet | Kunsill tal-Konsumaturi |
| Markedsrådet | Kunsill tas-Suq |
| Likestillingsombudet | Ombudsman għall-Ugwaljanza |
| Likestillingssenteret | Iċ-Ċentru Norveġiż għall-ugwaljanza bejn is-sessi |
| Barne-, ungdoms- og familieforvaltningen | Uffiċċju Nazzjonali għat-Tfal-, iż-Żgħażagħ-u Affarijiet tal-Familja |
| Statens institutt for forbruksforskning | Istitut Nazzjonali għar-Riċerka dwar il-Konsum |
| Finansdepartementet | Ministeru tal-Finanzi |
| Kredittilsynet | Il-Kummissjoni Norveġiża tal-Banek, l-Assigurazzjonijiet u t-Titoli |

| | |
|---|---|
| Skattedirektoratet | Direttorat tat-Taxxi |
| Oljeskattekontoret | Uffiċċju tat-Taxxi fuq Prodotti tal-*Petroleum* |
| Toll - og avgiftsdirekotoatet | Direttorat tad-Dwana u Dazju |
| Fiskeri- og kystdepartementet | Ministeru tas-Sajd u l-Affarijiet tal-Kosta |
| Fiskeridirektoratet | Direttorat tas-Sajd |
| Havforskningsinstituttet | Istitut għar-Riċerka |
| Kystdirektoratet | Direttorat tal-Kosta |
| Nasjonalt institutt for ernærings- og sjømatforskning | Istitut Nazzjonali għar-Riċerka dwar in-Nutrizzjoni u l-Frott tal-Baħar |
| Forsvarsdepartementet | Ministeru tad-Difiża |
| Forsvarets Militære Organisasjon (FMO) | Forzi Armati Norveġiżi |
| Forsvarsbygg (FB) | Servizzi tal-Kostruzzjoni tad-Difiża Norveġiżi |
| Forsvarets forskningsinstitutt (FFI) | Stabbiliment Norveġiż għar-Riċerka dwar id-Difiża |
| Nasjonal Sikkerhetsmyndighet (NSM) | Awtorità Nazzjonali tas-Sigurtà |
| Helse- og omsorgsdepartementet | Ministeru tas-Saħħa u s-Servizzi tal-Kura |
| Nasjonalt folkehelseinstitutt | L-Istitut Norveġiż tas-Saħħa Pubblika |

| | |
|---|---|
| Sosial- og helsedirektoratet | Direttorat ta' l-Affarijiet Soċjali u tas-Saħħa |
| Norsk pasientskadeerstatning | Is-sistema Norveġiża għall-kumpens lill-pazjenti |
| Pasientskadenemndas sekretariat | Il-Bord tal-Kumpens għall-Korriment tal-Pazjenti |
| Bioteknologinemndas sekretariat | Il-Bord Konsultattiv Norveġiż dwar il Bijoteknika |
| Statens helsetilsyn | Il-Bord tas-Saħħa Norveġiż |
| Statens legemiddelverk | Aġenzija Norveġiża tal-Mediċini |
| Statens strålevern | Awtorità Norveġiża ta' Protezzjoni Kontra r-Radjazzjoni |
| Justis- og politidepartementet | Ministeru tal-Ġustizzja (u tal-Pulizija) |
| Brønnøysundregisterene | Iċ-Ċentru ta' Reġistru ta' Brønnøysund |
| Datatilsynet | L-Ispettorat tad-*Data* |
| Direktoratet for sivilt beredskap | Id-Direttorat tad-Difiża Ċivili u l-Ippjanar għall-Emerġenza |
| Riksadvokaten | Direttur Ġenerali tal-Prokura |
| Statsadvokatembetene | Uffiċċju tal-Prokuratur Distrettwali |
| Politiet | Servizzi tal-Pulizija |

| | |
|---|---|
| Kommunal- og regionaldepartementet | Ministeru tal-Gvern Lokali u tar-Reġjuni |
| Arbeidsdirektoratet | Direttorat tax-Xogħol |
| Arbeidsforskningsinstituttet | Istitut għar-Riċerka tax-Xogħol |
| Direktoratet for arbeidstilsynet | Direttorat ta' l-Ispezzjoni tax-Xogħol |
| Direktoratet for brann og eksplosjonsvern | Direttorat għall-Prevenzjoni minn-Nar u l-Isplużjonijiet |
| Produkts- og elektrisitetstilsynet | Id-Direttorat Norveġiż għas-Sigurtà tal-Prodotti u s-Sigurtà fil-Qasam ta' l-Elettriku |
| Produktregisteret | Ir-Reġistru ta' Merkanzija |
| Statens bygningstekniske etat | Uffiċċju Nazzjonali għat-Teknoliġija u l-Amministrazzjoni tal-Bini |
| Utlendingsdirektoratet | Direttorat ta' l-Immigrazzjoni |
| Kultur- og kirkedepartementet | Ministeru tal-Kultura u ta' l-Affarijiet Ekklesjastiċi |
| Bispedømmerådene | Il-Kunsilli tad-Djoċesi |
| Kirkerådet | Il-Kunsill Nazzjonali tal-Knisja Norveġiża |
| Eierskapstilsynet | Awtorità Norveġiża ta' Proprjetà tal-Medja |
| Norsk filmfond | Fond Norveġiż għall-*Films* |

| | |
|---|---|
| Norsk filminstitutt | Bord Nazzjonali tal-*Films* |
| Norsk filmutvikling | Ċentru Norveġiż għall-Iżvilupp tal-*Films* |
| Statens filmtilsyn | Bord Norveġiż għall-Klassifikazzjoni tal-*Films* |
| Statens medieforvaltning | Awtorità tal-Medja |
| Norsk kulturråd | Kunsill Norveġiż għall-Kultura |
| Norsk språkråd | Kunsill għal-Lingwa Norveġiża |
| Riksarkivet | Arkivji Nazzjonali tan-Norveġja |
| Statsarkivene | Arkivji Nazzjonali |
| Rikskonsertene | Istitut Norveġiż għall-Kunċerti |
| ABM-utvikling | Awtorità Norveġiża ta' l-Arkivji, il-Libreriji u l-Mużewijiet |
| Bunad- og folkedraktrådet | Il-Kunsill Nazzjonali għall-Kostumi Folkloristiċi |
| Nasjonalbiblioteket | Il-Librerija Norveġiża |
| Norsk lokalhistorisk institutt | L-Istitut Norveġiż ta' l-Istorja Lokali |
| Riksutstillinger | Il-Wirjiet Nazzjonali Itineranti, in-Norveġja |
| Utsmykkingsfondet for offentlige bygg | Fondazzjoni Nazzjonali għall-Arti u Bini Publiku |

| | |
|---|---|
| Norsk lyd- og blindeskriftbibliotek | Il-Librerija Norveġiża għal Braille u Awdjo |
| Arkeologisk museum i Stavanger | Mużew ta' l-Arkeoloġija, Stavanger |
| Lotteritilsynet | Bord tal-Lotteriji |
| Landbruks- og matdepartementet | Ministeru ta' l-Agrikoltura u l-Ikel |
| Statens dyrehelsetilsyn | Awtorita Norveġiża tas-Saħħa ta' l-Annimali |
| Jordskifterettene | Reġistru ta' l-Artijiet Agrikoli |
| Statens landbrukstilsyn | Servizzi Nazzjonali ta' Ispettorat Agrikolu |
| Norsk institutt for jord- og skogforskning | Istitut Norveġiż ta' Inventarju ta' l-Art (NIJOS) |
| Norsk institutt for landbruksøkonomisk forskning | Istitut Norveġiż għar-Riċerka ta' l-Ekonomija Agrarja |
| Planteforsk | L-Istitut Norveġiż għar-Riċerka dwar l-Għelejjel |
| Reindriftsforvaltningen | Amministrazzjoni Norveġiża għat-Trobbija taċ-Ċerv |
| Norsk institutt for skogforskning | Istitut Norveġiż għar-Riċerka dwar il-Foresti |
| Mattilsynet | Awtorità Norveġiża għas-Sigurtà ta' l-Ikel |

| | |
|---|---|
| Statens landbruksforvaltning | Awtorità Norveġiża ta' l-Agrikoltura |
| Veterinærinstituttet | Istitut Veterinarju Nazzjonali |
| Miljøverndepartementet | Ministeru ta' l-Ambjent |
| Direktoratet for naturforvaltning | Direttorat għall-Ġestjoni tan-Natura |
| Norsk kulturminnefond | Il-Fond għall-Patrimonju Norveġiż |
| Norsk polarinstitutt | Istitut Norveġiż għar-Riċerka Polari |
| Produktregisteret | Ir-Reġistru ta' Merkanzija |
| Riksantikvaren | Direttorat għall-Patrimonju Kulturali |
| Statens forurensningstilsyn | Awtorità ta' l-Istat għall-Kontroll tat-Tniġġis |
| Statens kartverk | Awtorità Kartografika Norveġiża |
| Moderniseringsdepartementet | Ministeru ta' l-Immodernizzar |
| Datatilsynet | L-Ispettorat tad-*Data* |
| Fylkesmannsembetene | Il-Gvernaturi tal-Konteji |
| Konkurransetilsynet | Awtorità Norveġiża tal-Kompetizzjoni |
| Statens forvaltningstjeneste | Is-Servizzi ta' Amministrazzjoni tal-Gvern |

| | |
|---|---|
| Statens Pensjonskasse | Il-Fond Norveġiż għall-Pensjonijiet tas-Servizzi Pubbliċi |
| Statsbygg | Id-Direttorat tal-Kostruzzjoni u l-Proprjetà Pubblika |
| Nærings- og handelsdepartementet | Ministeru tal-Kummerċ u l-Industrija |
| Bergvesenet | Is-Servizzi Minerarji |
| Justervesenet | Servizz Norveġiż ta' Metroloġija u Akkreditazzjoni |
| Norges geologiske undersøkelse | Stħarriġ Ġeoloġiku tan-Norveġja |
| Statens Veiledningskontor for oppfinnere | Uffiċċju Konsultattiv tal-Gvern Norveġiż għall-Inventuri |
| Sjøfartsdirektoratet | Direttorat Marittimu Norveġiż |
| Skipsregistrene | Reġistru ta' Bastimenti Internazzjonali tan-Norveġja |
| Styret for det industrielle rettsvern | Uffiċċju Norveġiż tal-Privattivi |
| Olje- og energidepartementet | Ministeru taż-Żejt u l-Enerġija |
| Norges vassdrags- og energidirektorat | Direttorat Norveġiż tar-Riżorsi ta' l-Ilma u l-Enerġija |
| Oljedirektoratet | Direttorat Norveġiż għall-Prodotti tal-*Petroleum* |

| | |
|---|---|
| Samferdselsdepartementet | Ministeru tat-Trasport u l-Kommunikazzjoni |
| Havarikommisjonen for sivil luftfart og jernbane | Bord għall-Investigazzjoni ta' Inċidenti/Norveġja |
| Jernbaneverket | Amministrazzjoni Nazzjonali Ferrovjarja Norveġiża |
| Luftfartstilsynet | Awtorità ta' l-Avjazzjoni Ċivili |
| Post- og teletilsynet | Awtorità Norveġiża tal-Posta u t-Telekommunikazzjoni |
| Statens jernbanetilsyn | Ispettorat Ferrovjarju Norveġiż |
| Statens vegvesen | Amministrazzjoni tat-Toroq Pubbliċi |
| Utdannings- og forskningsdepartementet | Ministeru ta' l-Edukazzjoni u r-Riċerka |
| Det norske meteorologiske institutt | Istitut Metreoloġiku Norveġiż |
| Lærarutdanningsrådet | Kunsill għat-Taħriġ ta' l-Għalliema |
| Norsk Utenrikspolitisk Institutt | Istitut Norveġiż għall-Affarijiet Internazzjonali |
| Norsk voksenpedagogisk forskningsinstitutt | Istitut Norveġiż għall-Edukazzjoni ta' l-Adulti |
| Riksbibliotektjenesten | Uffiċċju Nazzjonali għar-Riċerka u l-Libreriji Speċjalizzati |
| Samisk utdanningsråd | Kunsill għall-istruzzjoni samika |

| | |
|---|---|
| Utenriksdepartementet | Ministeru għall-Affarijiet Barranin |
| Direktoratet for utviklingssamarbeid | Aġenzija Norveġiża għall-Kooperazzjoni ta' l-Iżvilupp |
| Stortinget | Stortinget (il-Parlament) |
| Stortingets ombudsmann for forvaltningen - Sivilombudsmannen | L-Ombudsman ta' Stortinget għall-Amministrazzjoni Pubblika |
| Riksrevisjonen | Uffiċċju ta' l-Awditur Ġenerali |
| Domstolene | Qrati tal-Ġustizzja |

Appendiċi 3

LISTA TA' PRODOTTI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 7

TAD-DIRETTIVA 2004/18/KE
FIR-RIGWARD TA' KUNTRATTI MOGĦTIJA

MILL-AWTORITAJIET KONTRAENTI FIL-QASAM TAD-DIFIŻA

L-IŻLANDA

LIECHTENSTEIN

IN-NORVEĠJA

L-akkwisti pubbliċi minn entitajiet ta' difiża (immarkat bi "*" fl-Anness IV tad-Direttiva 2004/18/KE) ikopru dan li ġej:

Kapitolu 25: Melħ; kubrit; prodotti ta' trab u ġebel; materjali tat-tikħil, ġir u siment

Kapitolu 26: Minerali metalliċi, skart u rmied

Kapitolu 27: Karburanti minerali, żjut minerali u prodotti mid-distillazzjoni tagħhom; sustanzi li fihom il-qatran; xemgħat minerali

ħlief:

ex 27.10 karburanti speċjali tal-magni

Kapitolu 28: Kimiċi inorganiċi; komponenti organiċi u inorganiċi tal-metalli prezzjużi, ta' metalli , metalli rari mill-art, ta' elementi radju-attivi u ta' iżotopji

ħlief:

ex 28.09 splussivi

ex 28.13 splussivi

ex 28.14 gass tad-dmugħ

ex 28.28 splussivi

ex 28.32 splussivi

ex 28.39 splussivi

ex 28.50 prodotti tossiċi

ex 28.51 prodotti tossiċi

ex 28.54 splussivi

Kapitolu 29: Kimiċi organiċi

ħlief:

ex 29.03 splussivi

ex 29.04 splussivi

ex 29.07 splussivi

ex 29.08 splussivi

ex 29.11 splussivi

ex 29.12 splussivi

ex 29.13 prodotti tossiċi

ex 29.14 prodotti tossiċi

ex 29.15 prodotti tossiċi

ex 29.21 prodotti tossiċi

ex 29.22 prodotti tossiċi

ex 29.23 prodotti tossiċi

ex 29.26 splussivi

ex 29.27 prodotti tossiċi

ex 29.29 splussivi

Kapitolu 30: Prodotti Farmaċewtiċi

Kapitolu 31: Fertilizzanti

Kapitolu 32: Estratti għall-użu fil-proċess bit-tannin u dawk taż-żebgħa; tannini u d-derivattivi tagħhom; żebgħa, kuluri, żebgħa u verniċi, stokk, inka

Kapitolu 33: Żjut essenzjali u sustanzi tar-raża; fwejjaħ, kożmetiċi u preparati tat-twaletta

Kapitolu 34: Sapun, aġenti organiċi attivi fil-wiċċ, preparat tal-ħasil, preparati lubrikanti, xemgħat artifiċjali, xemgħat ippreparati, preparati ta' l-illustrar u t-tindif, xemgħat u oġġetti simili, taħlit għall-immudellar u "xemgħat dentali"

Kapitolu 35: Sustanzi ta' l-albumina; kollol; enżimi

Kapitolu 37: Merkanzija fotografika u ċinemafotografika

Kapitolu 38: Prodotti kimiċi mixxellanji

ħlief:

ex 38.19 prodotti tossiċi

Kapitolu 39: Rażi artifiċjali u materjali tal-plastik, esteri u eteri taċ-ċellullosi, u oġġetti magħmula minnhom

ħlief:

ex 39.03 splussivi

Kapitolu 40: Gomma, gomma sintetika u oġġetti magħmula minnhom

ħlief:

ex 40.11 tajers *bullet-proof*

Kapitolu 41: Ġlud mhux ipproċessati (minbarra l-ġlud bil-pil) u ġilda

Kapitolu 42: Oġġetti tal-ġilda; sarġ u xedd; oġġetti għall-ivvjaġġar, *handbags* u kontenituri simili; oġġetti mill-imsaren ta' l-annimali (minbarra l-imsaren tad-dudu tal-ħarir)

Kapitolu 43: Ġlud bil-pil u pil artifiċjali; oġġetti magħmula minnhom

Kapitolu 44: Injam u oġġetti ta' l-injam; faħam ta' l-injam

Kapitolu 45: Sufra u oġġetti tas-sufra

Kapitolu 46: Manifattura tat-tiben ta' l-esparto u materjali oħrajn ta' immaljar; oġġetti tat-tiben u oġġetti tal-qasab

Kapitolu 47: Materjal użat għall-manifattura tal-karta

Kapitolu 48: Karta u kartonċin; oġġetti mill-polpa tal-karta, tal-karta jew tal-kartonċin

Kapitolu 49: Kotba stampati, gazzetti, stampi u prodotti oħrajn ta' l-industrija ta' l-istampar; manuskritti, tiposkritti u pjanti

Kapitolu 65: *Headgear* u partijiet tiegħu

Kapitolu 66: Umbrellel, umbrellel tax-xemx, bsaten, frosti, frosti tar-rikkieba u partijiet tagħhhom

Kapitolu 67: Rix ippreparat u oġġetti magħmula mir-rix; fjuri artifiċjali; oġġetti minn xagħar il-bniedem

Kapitolu 68: Oġġetti tal-ġebel, tal-ġir, tas-siment, ta' l-asbestos, tal-mika u materjali simili

Kapitolu 69: Prodotti taċ-ċeramika

Kapitolu 70: Ħġieġ u oġġetti tal-ħġieġ

Kapitolu 71: Perli, ħaġar prezzjuż u semi-prezzjużi, metalli prezzjużi, metalli miksija b'metalli prezzjużi, u oġġetti magħmula minnhom; ġojjellerija ta' imitazzjoni

Kapitolu 73: Ħadid u azzar u oġġetti magħmula minnhom

Kapitolu 74: Ramm u oġġetti magħmula minnu

Kapitolu 75: Nikel u oġġetti magħmula minnu

Kapitolu 76: Aluminju u oġġetti magħmula minnu

Kapitolu 77: Manjeżju u berillju u oġġetti magħmula minnhom

Kapitolu 78: Ċomb u oġġetti magħmula minnu

Kapitolu 79: Żingu u oġġetti magħmula minnu

Kapitolu 80: Landa u oġġetti magħmula minnha

Kapitolu 81: Metalli bażiċi oħrajn użati fil-metallurġija u oġġetti magħmula minnhom

Kapitolu 82: Għodod, skieken, mgħaref u frieket, magħmula mill-metalli bażiċi; partijiet minnhom

ħlief:

ex 82.05 għodod

ex 82.07 għodod, partijiet

Kapitolu 83: Oġġetti mixellanji ta' metall bażiku

Kapitolu 84: Bojlers, makkinarju u tagħmir mekkaniċi; partijiet minnhom

ħlief:

ex 84.06 magni

ex 84.08 magni oħrajn

ex 84.45 makkinarju

ex 84.53 magni għall-ipproċessar awtomatiku tad-*data*

ex 84.55 partijiet ta' magni taħt l-intestatura 84.53

ex 84.59 reatturi nukleari

Kapitolu 85: Makkinarju u tagħmir ta' l-elettriku; u partijiet minnhom

ħlief:

ex 85.13 tagħmir ta' telekommunikazzjoni

ex 85.15 apparat ta' trasmissjoni

Kapitolu 86: Lokomottivi ferrovjarji u tat-tramm, vaguni u partijiet minnhom

ħlief:

ex 86.02 lokomottivi armati elettriċi

ex 86.03 lokomottivi armati oħrajn

ex 86.05 vaguni armati

ex 86.0 vaguni ta' riparazzjoni

ex 86.07 vaguni

Kapitolu 87: Vetturi, minbarra vaguni ferrovjari jew tat-tramm, u partijiet minnhom

ħlief:

ex 87.01 tratturi

ex 87.02 vetturi militari

ex 87.03 trakkijiet ta' l-irmunkar

ex 87.08 tankijiet u vetturi armati oħrajn

ex 87.09 muturi

ex 87.14 trejlers

Kapitolu 89: Bastimenti, dgħajjes u strutturi li jżommu f'wiċċ l-ilma

ħlief:

ex 89.01A bastimenti tal-gwerra

Kapitolu 90: Strumenti u apparat ottiċi, fotografiċi, ċinematografiċi, għall-kejl, għall-kontroll, għall-preċiżjoni, mediċi u kirurgiċi; u partijiet minnhom

ħlief:

ex 90.05 trombi

ex 90.13 strumenti mixxellanji, lejżer

ex 90.14 telemetri

ex 90.28 strumenti ta' kejl elettiċi u elettroniċi

ex 90.11 mikroskopji

ex 90.17 strumenti mediċi

ex 90.18 tagħmir ta' mekkanoterapija

ex 90.19 tagħmir ortopediku

ex 90.20 apparat ta' X-ray

Kapitolu 91: Manifattura ta' arloġġi tal-polz u ta' l-arloġġi'

Kapitolu 92: Strumenti mużikali; apparat għar-reġistrazzjoni u r-riproduzzjoni tal-ħoss; apparat għar-reġistrazzjoni jew ir-riproduzzjoni ta' xbihar u ħsejjes televiżivi; partijiet u aċċessorji ta' tali oġġetti

Kapitolu 94: Għamara u partijiet tagħha; oġġetti għas-sodda, saqqijiet, sostenn tas-saqqijiet, imħaded u oġġetti mimlija simili

ħlief:

ex 94.01A siġġijiet fl-ajruplani

Kapitolu 95: Oġġetti u manifatturi ta' materjal ta' tinqix jew mudellar

Kapitolu 96: Xkupi, xkupilji, *powder-puffs* u passaturi

Kapitolu 98: Oġġetti manifatturati mixxellanji

Appendiċi 4

ENTITAJIET KONTRAENTI FIS-SETTURI TAT-TRASPORT JEW ID-DISTRIBUZZJONI TAL-GASS JEW IT-TISĦIN

L-IŻLANDA

Orkuveita Reykjavíkur (Enerġija Reykjavík), lög nr. 139/2001.

Hitaveita Suðurnesja (Tisħin Reġjonali Suðurnes), lög nr. 10/2001.

Entitajiet oħrajn li jipproduċu, jittrasportaw jew li jiddistribwixxu l-elettriku skond l-Orkulög nr. 58/1967.

LIECHTENSTEIN

Liechtensteinische Gasversorgung.

IN-NORVEĠJA

Entitajiet li jittrasportaw jew li jiddistribwixxu t-tisħin skond il-Lov om produksjon, omforming, overføring, omsetning og fordeling av energi m.m av 29.06.1990 nr. 50 (LOV 1990-06-29 50) (Energiloven) jew lov om felles regler for det indre marked for naturgass (LOV 2002-06-28 61).

Appendiċi 5

ENTITAJIET KONTRAENTI FIS-SETTURI TAL-PRODUZZJONI, IT-TRASPORT JEW ID-DISTRIBUZZJONI TA' L-ELETTRIKU

L-IŻLANDA

Landsvirkjun (Il-Kumpannija Elettrika ta' l-Istat), lög nr. 42/1983.

Landsnet (Xibka ta' distribuzzjoni nazzjonali) lög nr. 75/2004.

Rafmagnsveitur ríkisins (Iċ-Ċentru ta' l-Elettriku ta' l-Istat), lög nr. 58/1967.

Orkuveita Reykjavíkur (Enerġija Reykjavík), lög nr. 139/2001.

Hitaveita Suðurnesja (Tisħin Reġjonali Suðurnes), lög nr. 10/2001.

Orkubú Vestfjarða (Kumpannija Elettrika ta' Vestfjord), lög nr. 40/2001.

Entitajiet oħrajn li jipproduċu, jittrasportaw jew jiddistribuwixxu l-elettriku skond l-Orkulög nru 58/1967.

LIECHTENSTEIN

Liechtensteinische Kraftwerke.

IN-NORVEĠJA

L-entitajiet li jipproduċu, jittrasportaw jew li jiddistribwixxu l-elettriku skond il-Lov om erverv av vannfall, bergverk og annen fast eiendom m.v., kap. I, jf. kap.V (LOV 1917-12-14 16, kap. I), jew Vassdragsreguleringsloven (LOV 1917-12-14 17) jew Energiloven (LOV 1990-06-29 50) jew Lov om vassdrag og grunnvann (LOV-2000-11-24 82*)*.

Appendiċi 6

ENTITAJIET KONTRAENTI FIS-SETTURI TAL-PRODUZZJONI, IT-TRASPORT JEW ID-DISTRIBUZZJONI TA' L-ILMA GĦAX-XORB

L-IŻLANDA

Entitajiet li jipproduċu jew jiddistribwixxu l-ilma skond Lög nr. 32/2004, um vatnsveitur sveitarfélaga.

LIECHTENSTEIN

Gruppenwasserversorgung Liechtensteiner Oberland.

Wasserversorgung Liechtensteiner Unterland.

IN-NORVEĠJA

Entitajiet li jipproduċu jew jiddistribwixxu l-ilma skond il-Forskrift om Drikkevann og vannforsyning (FOR 2001-12-04 Nr 1372).

Appendiċi 7

ENTITAJIET KONTRAENTI

FIL-QASAM

TAS-SERVIZZI FERROVJARJI

–L-IŻLANDA

LIECHTENSTEIN

– IN-NORVEĠJA

Entitajiet li joperaw skond il-Lov om anlegg og drift av jernbane, herunder sporvei, tunnelbane og forstadsbane m.m (LOV 1993-06-11 100) (Jernbaneloven).

Appendiċi 8

ENTITAJIET KONTRAENTI FIL-QASAM TAS-SERVIZZI TAL-FERROVIJA URBANA, IT-TRAMM, IT-*TROLLEY BUS* U L-KAROZZI TAL-LINJA

L-IŻLANDA

Strætó bs. (Is-Servizz Munċipali tal-Karozzi tal-Linja f'Reykjavík)

Servizzi tal-karozzi tal-linja oħrajn provduti mill-muniċipalitajiet

Entitajiet li joperaw skond il-Lög nr. 73/2001, um fólksflutninga, vöruflutninga og efnisflutninga á landi.

LIECHTENSTEIN

Liechtenstein Bus Anstalt (L-Istituzzjoni tal-Karozzi tal-Linja tal-Liechtenstein).

IN-NORVEĠJA

Entitajiet li joperaw skond il-Lov om anlegg og drift av jernbane, herunder sporvei, tunnelbane og forstadsbane m.m (LOV 1993-06-11 100) (Jernbaneloven).

Appendiċi 9

ENTITAJIET KONTRAENTI FIS-SETTUR

TAS-SERVIZZI TAL-POSTA

L-IŻLANDA

Entitajiet li joperaw skond il-Lög nr. 19/2002, um póstþjónustu.

LIECHTENSTEIN

Liechtensteinische Post AG.

IN-NORVEĠJA

Entitajiet li joperaw skond il-Lov om formidling av landsdekkende postsendinger (LOV 1996-11-29 73).

Appendiċi 10

ENTITAJIET KONTRAENTI FIS-SETTURI
TA' L-ESPLORAZZJONI U L-ESTRAZZJONI TAŻ-ŻEJT U L-GASS

L-IŻLANDA

–

LIECHTENSTEIN

–

IN-NORVEĠJA

Entitajiet kontraenti koperti bil-Lov om petroleumsvirksomhet (LOV 1996-11-29 72) (Att dwar il-*Petroleum*) u r-Regolamenti skond l-Att dwar il-*Petroleum* jew bil-Lov om undersøkelse etter og utvinning av petroleum i grunnen under norsk landområde (LOV 1973-05-04 21).

Appendiċi 11

ENTITAJIET KONTRAENTI FIS-SETTURI TA'
L-ESPLORAZZJONI JEW L-ESTRAZZJONI

TAL-FAĦAM JEW KARBURANTI SOLIDI OĦRAJN

L-IŻLANDA

–

LIECHTENSTEIN

–

IN-NORVEĠJA

–

Appendiċi 12

ENTITAJIET KONTRAENTI FIL-QASAM TA' PORTIJIET MARITTIMI JEW INTERNI JEW FAĊILITAJIET TA' *TERMINALS* OĦRAJN

L-IŻLANDA

Siglingastofnun Íslands (Amministrazzjoni Marittima Iżlandiża).

Entitajiet oħrajn li joperaw skond il-Hafnalög nr. 23/1994.

LIECHTENSTEIN

–

IN-NORVEĠJA

Entitajiet li joperaw skond il-Havneloven (LOV 1984-06-08 51).

Appendiċi 13

ENTITAJIET KONTRAENTI FIL-QASAM

TA'  INSTALLAZZJONIJIET FL-AJRUPORT

L-IŻLANDA

Flugmálastjórn Íslands (Direttorat ta' l-Avjazzjoni Ċivili ).

LIECHTENSTEIN

–

IN-NORVEĠJA

Entitajiet li jipprovdu faċilitajiet fl-ajruport skond il-Luftfartsloven (LOV 1993-06-11 101).

Appendiċi 14

AWTORITAJIET NAZZJONALI LI LILHOM JISTGĦU

JIĠU INDIRIZZATI TALBIET ĠĦALL-APPLIKAZZJONI TAL-PROĊEDURA TA' KONĊILJAZZJONI

MSEMMIJA FL-ARTIKOLU TAD-DIRETTIVA TAL-KUNSILL 92/13/KEE

L-IŻLANDA

Fjármálaráðuneytið (Ministeru tal-Finanzi).

LIECHTENSTEIN

Regierung des Fürstentums Liechtenstein (Gvern tal-Prinċipat ta' Liechtenstein).

IN-NORVEĠJA

Fornyings- og administrasjonsdepartementet (Ministeru ta' l-amministrazzjoni pubblika u tar-riformi)."